# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 714/01/SM**

**Piccolo Company Ltd**

**vs**

**Anthony Bugeja**
**Simon Clarke**
**Jason Biswas**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn mija u sebgha u disghin lira u wiehed u disghin centezmu (LM2197.91,0). Din is-somma hija maghmula in kwantu ghal elf mitejn u sittin lira (LM1,260) ta' zewg kambjali li skadew rispettivament fl-1 ta' Lulju, 2001 u fl-1 ta' Awissu, 2001; in kwantu ghar-rimanenti disa' mija sebgha u tletin lira u wiehed u disghin centezmu (LM937.91,0) dovuti lill-istess socjeta' (Dok. A, Dok. B, Dok. C, Dok. D, Dok E, Dok. F) ghall-hlasijiet maghmula minna lil diversi**

**korporazzjonijiet u azjendi ohra pubblici u privati in konnessjoni mat-tmexxija tar-restaurant maghruf bl-isem Piccolo Restaurant, skond skrittura datata 23 ta' Awissu, 2000;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 17 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza limitatament biss fil-konfront ta' Anthony Bugeja;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata wkoll 17 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet l-ammont dovut fl-avviz ghas-somma ta' elf mija u tnejn u hamsin lira u wiehed u disghin centezmu (LM1152.91,0);**

**Rat ukoll in-nota tal-konvenuti Simon Clarke u Jason Biswas datata 17 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammettew it-talba;**

**In vista tas-suespost, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Simon Clarke u Jason Biswas, bl-ispejjez u imghaxijiet legali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**